# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Frar, 2018.**

**Rikors Numru 55/2016**

**Norman Vella**
**(K.I. Numru 0027977 M)**

**vs.**

**L-Avukat Generali**
**u b'digriet datat l-20 ta' Settembru, 2016,**
**gew kjamati in kawza l-Prim Ministru**
**u s-Segretarju Permanenti Ewlieni**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-8 ta' Gunju, 2016, fejn essenzjalment espona s-segwenti:

1.1. Illi fl-10 t'Ottubru, 2013, intavola procedura kontra l-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, fejn talab li l-istess Kummissjoni:

1.1.1. Tiddikjara li dak hemm minnhu premess jammonta ghal diskriminazzjoni politika fuq il-post tax-xoghol;

1.1.2. Taghti rimedji xierqa;

1.2. Illi pendenti l-istess proceduri jirrizulta li skada t-terminu tal-hatra tal-membri tal-istess Kummissjoni;

1.3. Illi l-membri tal-Kummissjoni li kien hemm precedentement gew mahtura mill-gdid bl-eccezzjoni tal-President tal-istess li kien sostitwit bi President iehor;

1.4. Illi l-President indikata fil-paragrafu precedenti kienet sussegwentement sostitwita bi President iehor b'effett mit-22 ta' Marzu, 2016;

1.5. Illi s-sostituzzjoni *de quo* ma tissodisfax il-kriterji ta' tribunal indipendenti u imparzjali kif garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u ghalhekk ressaq l-ilment kostituzzjonali odjern *stante* li isosstni li l-mod kif jigu mahtura u mnehhija l-membri tal-Kummissjoni in kwistjoni ma jissodisfawx il-kriterju ta' "*security of tenure*" kif hemm sancit;

1.6. Illi ghalhekk qed jitlob li l-qorti:

1.6.1. Tiddikjara li l-hatra u l-komposizzjoni tal-Kummissjoni in dizamina jiksru d-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrenti kif sancit mill-artiklu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq riferiti;

1.6.2. Taghti rimedji xierqa fir-rigward;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Settembru, 2016, li permezz tieghu, wara rikors appozitu ghall-istess, ordnat il-kjamata in kawza fuq indikata, (ara foll 25 u 1 rispettivament);

Ikkunsidrat:

3. Illi in vista tal-verbal datat is-16 ta' Frar, 2017, tissottolinea li din hi decizjoni preliminari biex jigu epurati l-ewwel l-eccezzjonijiet preliminari sollevati, (ara foll 52);

4. Rat ukoll id-digriet taghha li jgib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, li permezz tieghu, awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw l-istess eccezzjonijiet preliminari bil-modalita` u t-termini hemm indikati, (ara foll 52);

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-intimat u tal-kjamati in kawza rispettivament datati t-3 t'April, 2017, (ara foll 75), u l-11 t'April, 2017, (ara foll 85), flimkien ma dik tar-rikorrenti datata l-31 t'Ottubru, 2017, (ara foll 92);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi konsegwentement din hi biss sentenza preliminari rigwardanti is-segwenti eccezzjonijiet:

6.1. L-eccezzjoni numru tnejn (2) u tlieta (3) tal-intimat Avukat Generali, (ara foll 11), u

6.2. L-eccezzjoni numru wiehed (1) tal-intimat Prim Ministru, (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi essenzjalment l-imsemmija eccezzjonijiet preliminari indikati fil-paragrafu precedenti jirrigwardaw is-segwenti lanjanzi:

7.1. Illi l-kwistjonijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali lanjati mir-rikorrenti ma jimmeritawx din il-protezzjoni minnhu mitluba *stante* li dawn sehhew "b'ghazla tieghu stess",

(ara foll 11), billi jekk ma kellux assikurazzjoni fuq l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Kummissjoni tal-Impjieg allura kien missu m'intavolax il-procedura tieghu quddiem l-istess Kummissjoni;

7.2. Illi l-istess Kummissjoni m'ghandiex gurisdizzjoni esklussiva biex tiddeciedi tilwim industrijali bhal dik minnhu hemm istitwita, u seta' facilment irrikorra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-istess skop, (ara foll 11);

7.3. Illi r-rikorrenti m'ghandux interess guridiku biex jintroduci tali lanjanzi *stante* li kien biss bl-ghazla tieghu li issottometta ruhhu quddiem il-Kummissjoni in kwistjoni minflok ma irrikorra quddiem il-qrati kompetenti, (ara foll 36), u dan, meta hu kien jaf kif hi komposta u kif tiffunzjona l-istess Kummissjoni u ghalhekk facilment seta' jirrikorri ghal rimedju alternattiv, (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

8. Illi ghandu jigi ghalhekk specifikat li tramite l-kumpless t'eccezzjonijiet preliminari minnhom sollevat l-intimati donnhom iridu jissottolinejaw li gialadarba r-rikorrenti ghazel li jressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni in kwistjoni meta kien gia` jaf bil-komposizzjoni u bl-istruttura taghha, allura hu prekluz *ab inizio* milli jressaq il-procedura kostituzzjonali odjerna biex jattakka l-kostituzzjonalita` tal-metodu kompozittiv taghha;

Ikkunsidrat:

9. Illi jibda biex jinghad li jirrizulta assodat li r-rikorrenti liberament ghazel li jadixxi l-Kummissjoni dwar l-Impjieg biex quddiemha jitlob rimedju ghall-ilment minnhu hemm ippercepit rigwardati l-allegata diskriminazzjoni politika minnhu hemm sottolineata;

10. Illi ghandu jkun pacifiku wkoll li meta r-rikorrenti *de quo* ghazel dak ir-rimedju partikolari, kellu wkoll ghad-disposizzjoni tieghu r-rimedju ulterjuri indipendenti li jirrikorri wkoll quddiem il-qrati normali;

Ikkunsidrat:

11. Illi fl-ambitu tad-dritt tal-ghazla tal-azzjoni li persuna tista' tippreferi li tintrapprendi biex tittutela d-drittijiet taghha, ghandu jkun pacifiku li sakemm mhux espressament statutorjament cirkoskritt, din l-ghazla tibqa' prettament il-prerogattiva tal-persuna li tkun qed tezercitha;

12. Illi konsegwentement ghandu jkun logikament pacifiku li meta persuna taghzel triq biex tittutela d-drittijiet taghha, dan ma jfissirx, kif donnhom qed jippretendu l-intimati, li allura dan ikun abbanduna b'mod irrimedjabbli l-alternattivi l-ohra messi ghad-disposizzjoni tieghu mill-ligi stess;

13. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li l-fatti rizultanti fir-rigward tal-komposizzjoni tal-Kummissjoni *de quo* kienu fluwidi tant li l-lanjanzi Kostituzzjonali u Konvenzjonali bdew meta r-rikorrenti irrealizza li decizjoni "*super partes*" kienet ser tkun difficli li tkun ottenuta wara s-sostituzzjonijiet li kienu gew effettwati minhabba l-iskadenzi involuti;

14. Illi ghalhekk jigi ribadit li l-ghazla ta' procedura partikolari, sakemm ma tkunx hekk stabbilita statutorjament, mhix ekwivalenti ghal rinunzja unilaterali ta' drittijiet ohra statutorjament stabbiliti;

15. Illi *di piu`*, tkun xi tkun l-ghazla tal-procedura li r-rikorrenti jidhirlu xierqa biex jittutela d-drittijiet tieghu kif jidhirlu hu, hu dejjem jibqalu d-dritt Kostituzzjonalment u Konvenzjonalment sancit ghal smigh xieraq bil-garanzija ta' qrati imparzjali u indipendenti;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati naqqsu li jippruvaw l-eccezzjonijiet preliminari minnhom sollevati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

16.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati rispettivament kif fuq indikat;

16.2. Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti tal-partijiet biex tkun tista' tirriappunta l-istess ghall-kontinwazzjoni;

16.3. Bl-ispejjez ta' din il-parti tal-procedura kontra l-intimati.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**